MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 318/2011

**Bank of Valletta p.l.c.**
**vs**
**Warren Paul Cremona**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' attrici tat-30 ta' Marzu 2011 li jghid hekk:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt datat 3 ta' Mejju 2004, in atti Nutar Dottor Marco Farrugia (Dok. A) is-socjeta' attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lill-konvenut Warren Paul Cremona;

2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Warren Paul Cremona fis-somma ta' wiehed u sittin elf, seba' mija u hdax-il ewro u wiehed u hamsin centezmu (€61,711.51) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Accounts*" ta' Warren Paul Cremona mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. B1 sa B5 u Dok

C1 sa C5) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-21 ta' Dicembru 2010 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn ezebiti bhala Dokument A), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Warren Paul Cremona,
(a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Warren Paul Cremona li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici;

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

5. Illi l-konvenut Warren Paul Cremona gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 28 ta' Lulju 2010, li kopja taghha qed tigi hawn ezebita w immarkata Dok. D, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda huwa baqa' inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, ighid il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil- kuntratt fuq imsemmi (u hawn ezebit bhala Dokument A) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Warren Paul Cremona (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Warren Paul Cremona li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici; u

2. Tikkundanna lil Warren Paul Cremona jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' wiehed u sittin elf, seba' mija u hdax-il ewro u wiehed u hamsin centezmu (€61,711.51) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Accounts"* ta' Warren Paul Cremona mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. B1 sa B5 u Dok. C1 sa C5) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-21 ta' Dicembru 2010 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 28 ta' Lulju 2010 kontra l-konvenut li hu ingunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tas-socjeta' rikorrenti;

Rat li l-konvenut debitament notifikat baqa' kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta' Rose Cortis, rapprezentanta tal-bank attur li kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont mitlub fir-rikors guramentat ghadu kollu dovut sallum;

Il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lil konvenut jhallas lil-bank attur l-ammont ta' wiehed u sittin elf, seba' mija u hdax-il ewro u wiehed u hamsin centezmu (€61,711.51), bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------